**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima., LL.D.**

**Appell Nru: 459/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Patrick Mangion**

Illum, 29 ta' April 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Patrick Mangion, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 68773M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. Ikkommetta serq ta' giżirana u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Alexander Cauchi, anzjan ta' sebgħin sena u/jew persuni oħra;

U wkoll talli nhar it-2 ta' Novembru, 2020, għall-ħabta ta' 14:00hrs minn ġewwa 2, Vjal Simmons, Tarxien:

2. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok u l-valur, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Joseph Sciberras, anzjan ta' sitta u sittin sena u/jew persuni oħra.

U kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi:

3. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D., fid-Digriet tagħha datat 14 ta' Diċembru, 2017 u varjati parzjalment nhar it-12 ta' Ottubru, 2018, li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., fid-Digriet tagħha datat 17 ta' April, 2019 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D, fid-digriet tagħha datat 4 ta' Awwissu, 2020 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-9 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(e), 269(g), 281(a), 289 u 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament għar-reat ta' serq aggravat bil-lok a detriment ta' Alexander Cauchi, anzjan ta' sebgħin sena; u tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament għall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru, 2017, parzjalment varjat b'digriet datat 12 ta' Ottubru, 2018 u għall-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru, 2017, parzjalment varjat b'digriet datat 12 ta' Ottubru, 2018 u għall-ksur tal-kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu, 2020. In oltre l-Qorti sabet li l-imputat huwa reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant kkundannat lill-imputat għall-perjodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva. Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tas-segwenti: tad-depożitu stabbilit fid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru, 2017 kif parzjalment varjat b'digriet moghti fit-12 ta' Ottubru, 2018, ammontanti ghal €2,000 u tad-depożitu stabilit fid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 4 ta' Awwissu, 2020, ammontanti għal €2, 000. Ai termini ta' l-Atikolu 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti rrevokat d-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fis-17 ta' Diċembru, 2017, parzjalment varjat b'digriet mogħti fit-12

ta' Ottubru, 2018 u b'hekk ordnat r-ri-arrest mill-ġdid tal-imputat u tirrevoka wkoll id-digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fl-4 ta' Awwissu, 2020 u b'hekk ukoll ordnat r-ri-arrest mill-ġdid ta' l-imputat. Ai termini ta' l-Artikolu 23(1) tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Toyota Corolla Axio bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN-426, reġistrata fuq l-imputat. In fine ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur is-somma komplessiva ta' €1, 429.33 rappreżentati spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina f'dawn il-proċeduri ta' l-Espert Tekniku John Sacco u ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar.

Rat ir-rikors tal-appellant, Patrick Mangion, ppreżentat fis-27 ta' Diċembru, 2021, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma l-parti fejn l-appellant ġie dikjarat mhux ħati, u tħassar u tirrevoka l-parti fejn sabet lil appellant ħati, u minflok tiddikjara lil appellant mhux ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu, bil-konsegwenzi kollha legali oħra, jew tikkonderma l-ħtija filwaqt li tħassar u tirrevoka l-parti tal-piena u tinfliġġi piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

L-appellant Patirck Mangion mixli bir-reat ta' serq f'żewġ okkazzjonijiet separati fejn l-allegati vittmi tiegħu kienu żewġ anzjani, jiġi misjub ħati mill-Ewwel Qorti biss li kkometta serq ta' ġiżirana tad-deheb għad-detriment ta' ċertu Alexander Cauchi raġel ta' sebgħin sena. Mill-imputazzjoni l-oħra marbuta mas-serqa li seħħet għad-detriment tal-anzjan Joseph Sciberras, l-appellant jiġi lliberat u dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi sal-grad rikjest minnha fil-liġi.

L-appellant madanakollu ħassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fjen din sabet ħtija u dan għaliex jilmenta b'mod ewlieni illi din id-deċiżjoni kienet imsejsa fuq

apprezzament żbaljat tal-provi. Jilmenta sussidjarjament għal din il-lanjanza, illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eċċessiva.

Illi minn eżami mill-ġdid li għamlet il-Qorti tal-atti bil-għan tiġi indirizzata l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellant marbuta mal-apprezzament tal-provi, jemerġi illi s-sejbien ta' ħtija ġie stabbilit b'mod ewlieni fuq ix-xiehda tal-vittma Alexander Cauchi li l-Ewwel Qorti qieset bħala waħda ferm kredibbli. Dan ukoll għaliex, fil-fehma tagħha, din kienet imsaħħa bil-provi indizzjarji imressqa mill-Prosekuzzjoni li poġġew lill-appellant fuq ix-xena tar-reat. L-appellant ma jixhidx, iżda mis-sottomissjonijiet minnu imressqa u minn qari tal-aggravju kontenut fir-rikors tal-appell, ma jidhirx illi huwa qiegħed jikkontesta l-fatt illi kien il-persuna li fil-jum indikat fl-akkuża daħal fir-residenza ta' Cauchi meta tallbu sabiex juża l-kamra tal-banju. Dak li jikkontesta l-appellant huwa n-ness stabbilit mill-Ewwel Qorti bejnu u bejn is-serqa mertu tal-każ, u dan meta il-vittma nduna li l-ġiżirana, li allegatament insterqitlu, kienet nieqsa jumejn wara li kien hemm l-inkontru bejnu u bejn l-appellant. Jisħaq illi jekk verament l-vittma kien ħalla din il-ġiżirana fuq il-bank tal-kċina, kif jikkontendi, u kif jidher fir-ritratt eżebit a fol.50 tal-proċess, żgur li kien messu nduna li din kienet nieqsa dak in-nhar stess u mhux jumejn wara. Dan għaliex dan il-bank tal-kċina ma jinstabx f'xi rokna moħbija fid-dar, u ukoll għaliex fuqha il-vittma kien iħalli oġġetti oħra li kien juża ta' kuljum bħas-sigaretti, u allura li kieku kien minnu li l-ġiżirana ttehditlu mill-appellant, kien jinnota li din kienet nieqsa ferm qabel. Jikkontendi illi l-vittma jonqos milli jsemmi diversi fatti li dehru fuq il-filmat meħud minn kamera tas-sigurta' fil-viċinanzi. Per eżempju, ma jsemmiex il-fatt illi waqt li hu u l-anzjan kienu viċin il-vettura tal-appellant, dan urieh xi karti u ingħad xi diskors bejniethom. Dawn il-fatti l-vittma ma jsemmiehomx fix-xiehda tiegħu. Ukoll jisħaq li kien ferm rilevanti għal każ il-fatt illi fir-residenza tal-vittma kienu jidħlu xi familjari tiegħu, fosthom oħtu li kienet esprimiet ix-xewqa li ħuha igħaddielha din il-ġiżirana. Fuq kollox igħid illi l-vittma baqa' ma għarrfux fil-Qorti bħala dik il-persuna li fil-jum in kwistjoni kien daħal għandu id-dar.

Illi jibda biex jingħad illi l-kritika li l-appellant qed iqajjem fil-konfront tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni u senjatament fil-konfront tax-xiehda ta' Alexander Cauchi kollha ġew indirizzati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li tagħmel analiżi bir-reqqa ta' dawn il-provi. Illi l-fatti probatorji jindikaw illi:

1. Kien l-appellant li avviċina lil Cauchi meta dan kien bil-qiegħda fuq l-għatba tad-dar tiegħu u qabad konversazzjoni miegħu.
2. Cauchi ma kienx jaf lill-appellant qabel dakinhar.
3. L-appellant kien qed jagħmel użu minn vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBN-426 reġistrata fuq ismu.
4. Fil-vettura jinstab bastun li fuqu instab il-presenza ta' DNA tal-appellant. Dan il-bastun l-appellant jidher qed jagħmel użu minnu fuq il-filmati tal-kameras tas-sigurta'.
5. L-appellant jidħol fir-residenza tal-parti offiża u jagħmel xi ħin hemm ġew. Dan jirriżuta mill-filmati imsemmija liema verżjoni tikkombaċja ma' dak li jistqarr il-vittma fix-xiehda tiegħu.
6. Il-vittma jindika li kellu ġiżirana tad-deheb fuq il-bank tal-kċina sal-mument li daħal l-appellant fid-dar tiegħu. Jinnota li din hija nieqsa jumejn wara meta jagħmel rapport lil pulizija.
7. Il-vittma isemmi li din il-ġiżirana kien bi ħsiebu jagħtiha lil oħtu li kienet talbithielu f'xi okkazzjoni preċedenti.
8. Fil-jumejn wara l-inċident u dan sakemm il-vittma nduna li l-ġiżirana kienet nieqsa ma kienux daħħlu nies oħra fir-residenza tiegħu.
9. Meta l-appellant jiġi arrestat u meħud fir-residenza tiegħu sabiex issir it-tfittxija, ikun hu stess li jindika lil pulizija l-ħwejjeġ li kien liebes meta seħħ is-sinistru mertu tal-każ, liema ħwejjeġ jaqqblu ma' dawk li l-appellant jidher liebes fil-filmat.

Illi għalkemm l-Ispettur Paul Camilleri fix-xiehda tiegħu jindika li meta kellem lill-appellant dan ammetta miegħu dak li kien għamel, u dan wara li l-appellant kien kellem lil avukat tiegħu permezz tat-telefon, u wara li ngħata *disclosure* tal-evidenza li kellha f'idejha il-Pulizija, b'mod ewlieni ġie muri lilu il-filmat tas-CCTV, għal xi

raġuni, li ma toħroġx mill-atti, l-Uffiċjali Investigattivi qatt ma interrogaw lill-appellant b'mod formali u għalhekk qatt ma itteħdietlu stqarrija skont il-liġi, sabiex b'hekk ikun perikoluż għal Qorti li tistrieħ fuq l-ammissjoni minnu magħmula mal-iSpettur Camilleri.

Dan premess, madanakollu, l-Qorti tistqarr li ma tista' issib ebda mottiv li jista' iġiegħla titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta tat affidament lil verżjoni tal-vittma u wasslet għal konkluzjoni li ma kien ħadd ħlief l-appellant li seraq il-ġiżirana tal-parti offiża. Illi jibda biex jingħad illi l-Qorti ma tqiesx li hemm xi dubbju li l-ġiżirana kienet teżisti, kuntrarjament għal dak li jallega l-appellant. Ma hemmx xi prova in atti li tista' tindika xi mottiv li Cauchi seta' kellu biex jivvinta din l-istorja. Mhux biss, iżda l-fatt illi dak li jikkontendi Cauchi, kemm meta jagħmel ir-rapport lil pulizija, kif ukoll meta jixhed fil-Qorti, huwa msaħħah b'dak li jidher *ictu oculi* fil-filmati eżebiti in atti, jkompli jikkonvinċi lil din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, li dak li igħid Cauchi huwa verosimili u kredibbli. Fuq kollox l-Ewwel Qorti kienet ċertament f'posizzjoni aħjar minn din il-Qorti li tagħmel evalwazzjoni tax-xiehda ta' Cauchi li xehed quddiemha u *viva voce* u għalhekk setgħet tapplika r-regoli stabbiliti fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali fid-deliberazzjoni tagħha. L-appellant jagħżel li ma jixhidx, kif *del resto* kellu kull dritt illi jagħmel, u lanqas ma jressaq xi prova u dan sal-grad tal-probabbli li setgħet ixxejjen il-verżjoni soda u kredibbli li jagħti l-vittma. Dak minnu allegat illi setgħet kienet oħt il-vittma li ħadet il-ġiżirana jew xi persuna oħra li kellha aċċess għar-residenza tal-vittma jew li din il-katina lanqas biss teżisti, huma kollha supposizzjonijiet u xejn iżjed u ma jasslux biex ixejjnu dak li isostni Alexander Cauchi fix-xiehda tiegħu. Fuq kollox meta l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-provi tal-Prosekuzzjoni ma kenux b'saħħithom biżżejjed, u dan b'referenza għat-tieni imputazzjoni, hija għaddiet biex illiberat lill-appellant, dubbju li ma jidhirx li kellha meta sabet ħtija għall-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqtsant għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biex jiġi trattat l-aggravju sussidjarju imqanqal mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sentejn priġunerija, li fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva u li ma tagħtihx opportunita' jirriforma ħajjtu. Illi jingħad mingħajr tlaqliq illi dawn il-qrati taw diversi opportunitajiet lill-appellant biex jipprova jitbiegħed mill-ħajja tal-kriminalita', iżda huwa għazel biex dawn l-opportunitajiet jagħtihom bis-sieq u minflok baqa' jikkommetti reati ġodda, tant illi llum l-appellant huwa pluri-reċediv. Minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tiegħu, jirriżultaw 'il fuq minn tletin kundanna, bl-ewwel waħda tirrisali għas-sena 1991 u b'ħafna minnhom marbutin mar-reat ta' serq. Fil-fatt l-appellant jiġi misjub ħati ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u dan taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi kriminali li jiddisponi hekk:

> **"Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi."**

Illi allura l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi u li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Illi ukoll l-Qorti taqbel mad-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ordnat l-konfiska tad-depożiti mogħtija bħala garanzija għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest permezz taż-zewġ digrieti li tagħhom ġiet ordnata ukoll ir-revoka, u dan għaliex kif ingħad l-appellant għoġbu jikser mhux ordni waħda iżda tnejn u dan ftit taż-żmien wara li ġie lilu konċess il-ħelsien mill-arrest, indikazzjoni ċara li l-appellant ma jista' joffri ebda affidament li meta meħlus mill-arrest huwa ma jikkomettiex reati oħra. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur